

Brussell, 2 ta' Lulju 2026
(OR. en)

11475/26

Fajl Interistituzzjonali:
2026/0189 (COD)

POLCOM 272
CODEC 1384
COEST 537
AGRI 569

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	2 ta' Lulju 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2026) 348 final
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar miżuri temporanji ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ applikabbli għall-prodotti Armeni

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2026) 348 final.

Mehmuż: COM(2026) 348 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 2.7.2026
COM(2026) 348 final

2026/0189 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**dwar miżuri temporanji ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ applikabbli għall-prodotti
Armeni**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

F'Mejju u Ġunju 2026, ir-Russja introduċiet u espandiet ir-restrizzjonijiet fuq firxa ta' esportazzjonijiet Armeni, inklużi l-brandi, l-inbid, l-ilma minerali, u l-prodotti agrikoli. Fl-istess ħin, introduċiet ostakli għat-tranżitu ta' ċerti prodotti Armeni mit-territorju tal-Federazzjoni Russa. Din is-sitwazzjoni qed ikollha impatt negattiv sostanzjali fuq l-opportunitajiet kummerċjali tal-Armenja.

B'mod konkret, il-miżuri introdotti mir-Russja naqqsu b'mod sinifikanti l-aċċess tal-Armenja għal xi wħud mis-swieq tradizzjonali tagħha, fixxlu l-ktajjen tal-provvista stabbiliti u ħolqu ostakli serji għall-esportaturi u l-produtturi Armeni. Il-miżuri għandhom impatt negattiv fuq l-opportunitajiet ta' esportazzjoni u r-reżiljenza ekonomika tal-Armenja, b'mod partikolari għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u l-produtturi agrikoli li huma dipendenti ħafna fuq l-esportazzjoni tal-prodotti affettwati.

L-Unjoni affermat mill-ġdid l-impenn tagħha li ssaħħa is-sħubija tagħha mal-Armenja u tappoġġa l-ekonomija tal-Armenja. Dan l-impenn huwa kompletament konformi mal-Ftehim ta' Sħubija Komprensiv u Msaħħa bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Armenja (il-“Ftehim ta' Sħubija”)¹, li għandu l-għan, fost affarijiet oħra, li jappoġġa l-isforzi tal-Armenja biex tiżviluppa l-potenzjal ekonomiku tagħha u tistabbilixxi kooperazzjoni kummerċjali msaħħa mal-Unjoni. Din il-proposta hija allinjata wkoll mal-Aġenda Strateġika għas-Sħubija UE-Armenja adottata f'Diċembru 2025, li tidentifika d-diversifikazzjoni tal-kummerċ, l-iżvilupp soċjoekonomiku, il-konnettività u r-reżiljenza bħala prijoritajiet kruċjali.

Qabel din il-proposta, l-Unjoni diġà mmobilizzat assistenza finanzjarja u teknika sostanzjali skont il-Pjan ta' Reżiljenza u Tkabbir għall-Armenja għall-2024-2027, li tammonta għal EUR 270 miljun. Din l-assistenza għandha enfasi qawwija fuq l-investiment fil-konnettività, ir-reżiljenza u l-iżvilupp tan-negozju u fuq l-appoġġ għad-diversifikazzjoni tal-esportazzjonijiet tal-Armenja u l-promozzjoni tal-prodotti Armeni fi swieq ġodda. Fi spirtu ta' solidarjetà mal-Armenja fid-dawl tal-pressjoni ekonomika esterna li għaddejja bħalissa, il-Kummissjoni qed theggi pakkett ta' appoġġ li jinkludi assistenza finanzjarja b'valur ta' aktar minn EUR 50 miljun. Huwa meħtieġ li daww il-miżuri jiġu kkomplementati b'liberalizzazzjoni tal-kummerċ immirata sabiex jiġi pprovdut appoġġ rapidu u tanġibbli lill-produtturi u lill-esportaturi Armeni, jittiejeb l-aċċess tagħhom għas-suq tal-Unjoni, jiġu meġġuna jorjentaw mill-ġdid il-flussi kummerċjali lil hinn minn rotot u swieq ristretti, u l-ekonomija Armena ssir aktar reżiljenti. Għalhekk, il-Kummissjoni qed tippromponi regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jintroduċi miżuri ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ fil-forma ta':

- sospensjoni temporanja tad-dazji ad valorem skont l-Iskema Ġeneralizzata ta' Preferenzi Plus, bl-esklużjoni ta' ċerti prodotti sensittivi u inkluż ċerti prodotti agrikoli pprojbti mir-Russja; u
- it-tneħħija ta' dazji ad valorem fuq tmien prodotti agrikoli fil-limiti tal-kwoti tariffarji applikabbli.

Dawn il-miżuri se japplikaw għal perjodu ta' sentejn.

¹ Ftehim ta' sħubija komprensiv u msaħħa bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Armenja, min-naħa l-oħra (ĠU L 23, 26.1.2018, p. 4, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_internation/2018/104/oj).

Dawn il-miżuri temporanji u eċċezzjonali se jikkontribwixxu għall-appoġġ u t-tisħiħ tal-flussi kummerċjali mill-Armenja lejn l-Unjoni. Dan huwa konformi ma' wieħed mill-oġettivi ewlenin tal-Ftehim ta' Sħubija, li huwa li jappoġġa l-isforzi tal-Armenja biex tiżviluppa l-potenzjal ekonomiku tagħha u ttejjeb il-kooperazzjoni kummerċjali bejn il-partijiet.

Il-miżuri ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ previsti f'din il-proposta jittieħdu f'konformità mal-impenji stabbiliti fl-Artikoli 2 u 9 tal-Ftehim ta' Sħubija, li jistabbilixxu r-rispett għall-prinċipji demokratiċi, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, u l-ġlieda kontra l-proliferazzjoni tal-armi ta' qerda massiva bħala elementi essenzjali ta' dak il-ftehim.

Barra minn hekk, il-miżuri ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ li jinsabu f'din il-proposta għandhom l-għan li jiżguraw, f'konformità mal-Artikolu 207(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), li l-politika kummerċjali komuni tal-Unjoni titwettag fil-kuntest tal-prinċipji u l-oġettivi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni, li hija stabbilita fl-Artikolu 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE).

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika kkonċernat**

Il-miżura proposta għal-liberalizzazzjoni tal-kummerċ tkun konsistenti mal-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija u l-impenn tiegħu li jtejjeb il-kooperazzjoni kummerċjali bejn l-Unjoni u l-Armenja u jappoġġa lill-Armenja fl-iżvilupp tal-potenzjal ekonomiku tagħha.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

F'konformità mal-Aġenda Strateġika għas-Sħubija bejn l-UE u l-Armenja u l-Ftehim ta' Sħubija, l-Unjoni ħadet passi sinifikanti biex tappoġġa r-reżiljenza, il-kummerċ u d-diversifikazzjoni ekonomika tal-Armenja f'dan il-kuntest eċċezzjonali, inkluż permezz tal-Pjan ta' Reżiljenza u Tkabbir ta' EUR 270 miljun għall-2024-2027, investimenti taħt il-Global Gateway u s-Sħubija għall-Konnettività, kif ukoll assistenza finanzjarja addizzjonali u miżuri ta' faċilitazzjoni tal-kummerċ imħabbra b'reazzjoni għall-aħħar restrizzjonijiet kummerċjali tar-Russja. L-Unjoni intensifikat ukoll il-kooperazzjoni mal-Armenja f'firxa wiesgħa ta' oqsma ta' politika, inkluż il-konnettività, l-appoġġ għan-negozju u l-implimentazzjoni tar-riformi, bil-ħsieb li ssaħħaħ ir-reżiljenza soċjoekonomika tal-Armenja u ttipprovdi alternattivi għal rotot u swieq kummerċjali ristretti.

Ir-Regolament propost għalhekk jikkonforma mal-obbligu tal-Unjoni skont l-Artikolu 21(3) TUE li tiżgura l-konsistenza bejn l-oqsma differenti tal-azzjoni esterna tagħha, u mal-Artikolu 207(1) TFUE, li jipprevedi li l-politika kummerċjali komuni għandha titwettag fil-kuntest tal-prinċipji u l-oġettivi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni, u jagħtihom effett. B'mod partikolari, huwa konsistenti mal-oġettiv tal-Unjoni li tappoġġa lis-šhab li qed jiffaċċjaw pressjoni ekonomika esterna, li tippromwovi r-reżiljenza u l-iżvilupp sostenibbli, u li tapprofondixxi r-relazzjonijiet ekonomiċi u kummerċjali mal-Armenja kif stabbilit fil-Ftehim ta' Sħubija u fl-Aġenda Strateġika għas-Sħubija bejn l-UE u l-Armenja.

2. BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi legali**

Il-bażi legali għal din il-proposta hija l-Artikolu 207(2) tat-TFUE.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

F'konformità mal-Artikolu 3(1), il-punt (e), tat-TFUE, il-politika kummerċjali komuni hija kompetenza esklużiva tal-Unjoni. Għaldaqstant, il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax.

- **Proporzjonalità**

Din il-proposta hija meħtieġa sabiex tiġi implimentata l-politika kummerċjali komuni u biex jintlaħaq l-oġġettiv li l-Armenja tiġi appoġġata fid-diffikultajiet attwali tagħha, anke fil-qasam tal-kummerċ mal-Unjoni.

- **Għażla tal-istrument**

Din il-proposta hija konformi mal-Artikolu 207(2) tat-TFUE, li jipprevedi miżuri ta' politika kummerċjali komuni.

3. IR-RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Mhux applikabbli.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Mhux applikabbli.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Mhux applikabbli.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Fid-dawl tas-sitwazzjoni urġenti fl-Armenja, huwa importanti li r-regolament propost jidħol fis-seħħ malajr kemm jista' jkun. Għalhekk, ma twettqet l-ebda valutazzjoni tal-impatt għall-miżura proposta.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Il-miżura proposta ma żżidx il-piż regolatorju tal-kumpaniji.

- **Drittijiet fundamentali**

It-trattament preferenzjali skont il-miżura proposta jkun jiddependi fuq ir-rispett tal-istess prinċipji bażiċi bħal dawk minqaxa fil-Ftehim ta' Sħubija. B'mod partikolari, l-Artikoli 2 u 9 tal-Ftehim ta' Sħubija jipprevedu li r-rispett għall-prinċipji demokratiċi, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, u l-ġlieda kontra l-proliferazzjoni tal-armi ta' qerda massiva huma elementi essenzjali ta' dak il-ftehim.

Il-miżura proposta tkun ukoll konformi mal-Karta Ewropea dwar id-Drittijiet Fundamentali.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Abbażi tal-livell ta' importazzjonijiet mill-Armenja fl-2025, l-Unjoni hija mistennija li titlef inqas minn EUR 3 miljun fi dħul doganali fis-sena.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti għall-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Ir-rapportar online dwar l-iżvilupp tal-kummerċ bilaterali bejn l-Unjoni u l-Armenja huwa disponibbli permezz ta' siti web iddedikati tal-Kummissjoni Ewropea².

Il-proposta tintroduċi miżuri temporanji u eċċezzjonali ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ għall-prodotti li joriġinaw mill-Armenja bl-għan li tappoġġa l-flussi kummerċjali tal-Armenja lejn l-Unjoni b'reazzjoni għar-restrizzjonijiet u l-ostakli li jaffettwaw l-esportazzjonijiet Armeni.

Dan jipprevedi prinċipalment trattament tariffarju preferenzjali għal prodotti magħżula, soġġett għal kundizzjonijiet relatati mal-orijini, il-proċeduri doganali, il-kooperazzjoni amministrattiva, u mekkaniżmi possibbli ta' sospensjoni jew salvagwardja.

Għalhekk, il-proposta hija primarjament miżura ta' politika kummerċjali fuq terminu qasir u ma tistabbilixxix qafas regolatorju ġdid għas-servizzi diġitali, il-governanza tad-data, il-proċeduri awtomatizzati jew is-servizzi pubbliċi diġitali.

L-implimentazzjoni tagħha tista' tiddependi fuq data u għodod diġitali diġà użati mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni, iżda ma timponi l-ebda rekwiżit vinkolanti ġdid għall-użu, l-iżvilupp jew l-adattament ta' tali sistemi.

Ma hija meħtieġa l-ebda sistema tal-IT ġdida, soluzzjoni diġitali jew modifika sostanzjali tas-sistemi eżistenti. Kwalunkwe pproċessar ta' data jew skambju ta' informazzjoni jservi biss biex jappoġġa l-applikazzjoni u l-monitoraġġ tal-miżuri kummerċjali temporanji u ma jikkostitwixxix rekwiżit ġdid ta' data jew diġitali.

Minħabba d-durata limitata u n-nuqqas ta' rekwiżiti diġitali ġodda, il-prinċipju "diġitali b'mod awtomatiku" ma japplikax.

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

Mhux applikabbli.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Fid-dawl tal-urġenza tar-restrizzjonijiet li jaffettwaw l-esportazzjonijiet Armeni, il-miżura għandha l-għan li żżid l-importazzjonijiet mill-Armenja billi tissospendi parzjalment it-tariffi u d-dazji tal-importazzjoni applikati għal lista ta' prodotti Armeni.

² https://policy.trade.ec.europa.eu/eu-trade-relationships-country-and-region/countries-and-regions/armenia_en; https://policy.trade.ec.europa.eu/analysis-and-assessment/statistics_en.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**dwar miżuri temporanji ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ applikabbli għall-prodotti
Armeni**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-Parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja³,

Billi:

- (1) Il-Ftehim ta' Sħubija Komprensiv u Msaħħaħ bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Armenja, min-naħa l-oħra⁴ (il-“Ftehim ta' Sħubija”) jikkostitwixxi l-bażi għar-relazzjoni bejn l-Unjoni u l-Armenja. F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/104⁵, it-Titolu VI tal-Ftehim ta' Sħubija, li jirrigwarda l-kummerċ u kwistjonijiet relatati mal-kummerċ, ġie applikat b'mod proviżorju mill-1 ta' Ġunju 2018 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 2021, wara r-ratiffika mill-Istati Membri kollha.
- (2) Il-Ftehim ta' Sħubija jesprimi x-xewqa tal-Unjoni u tal-Armenja li jistabbilixxu kooperazzjoni kummerċjali msaħħa li tippermetti kooperazzjoni regolatorja sostnuta f'oqsma rilevanti, f'konformità mad-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw mis-sħubija fl-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ. Wieħed mill-oġettivi ewlenin tal-Ftehim ta' Sħubija huwa l-iżvilupp tal-kummerċ. Sabiex jiġi appoġġat u aċċellerat l-iżvilupp ta' relazzjonijiet ekonomiċi aktar mill-qrib mal-Unjoni, huwa xieraq li jiżdiedu l-flussi kummerċjali li jikkonċernaw l-importazzjoni ta' ċerti prodotti.
- (3) Minn Mejju 2026, il-Federazzjoni Russa introduċiet miżuri kummerċjali fuq skala kbira li jaffettwaw l-importazzjonijiet ta' prodotti ewlenin tal-esportazzjoni Armena, inkluż xorb alkoħoliku, ilma minerali, frott u ħxejjex, u t-tranżitu għalihom. Dawk il-miżuri naqqsu b'mod sinifikanti l-aċċess tal-Armenja għas-swieq tradizzjonali tagħha u fixklu l-ktajjen tal-provvista stabbiliti. Is-sitwazzjoni għandha impatt negattiv fuq l-opportunitajiet ta' esportazzjoni tal-Armenja, u taffettwa b'mod partikolari lill-intrapriżi żgħira u ta' daqs medju u lill-produtturi agrikoli, u ttriskja li timmina

³ Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew ta' xx xx 2026 (għadha mhijiex ippublikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill ta' xx xx 2026.

⁴ ĠU L 23, 26.1.2018, p. 4, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_international/2018/104/oj.

⁵ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/104 tal-20 ta' Novembru 2017 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim ta' Sħubija Komprensiv u Msaħħaħ bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Armenja, min-naħa l-oħra (ĠU L 23, 26.1.2018, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2018/104/oj>).

serjament ir-reżiljenza ekonomika u l-istabbiltà soċjali tal-pajjiż. Skont il-qafas tal-Ftehim ta' Sħubija u l-Aġenda Strateġika għas-Sħubija UE-Armenja⁶, l-Unjoni u l-Armenja impenjaw ruħhom li japprofondixxu r-relazzjonijiet ekonomiċi u kummerċjali tagħhom u li jappoġġaw il-kummerċ u d-diversifikazzjoni ekonomika. F'dan l-isfond u fi spirtu ta' solidarjetà mal-Armenja, huwa xieraq li jiġu stimulati l-flussi kummerċjali u li jingħataw konċessjonijiet fil-forma ta' miżuri ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ għal prodotti Armeni magħżula.

- (4) F'konformità mal-Artikolu 21(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, l-Unjoni għandha tiżgura l-konsistenza bejn l-oqsma differenti tal-azzjoni esterna tagħha. Skont l-Artikolu 207(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-politika kummerċjali komuni għandha titwettaq fil-kuntest tal-prinċipji u l-oġettivi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni.
- (5) Għalhekk, jenħteġ li jiġu introdotti miżuri ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ fil-forma tas-sospensjoni temporanja tad-dazji ad valorem skont l-iskeda tal-Iskema Ġeneralizzata ta' Preferenzi Plus b'xi adattamenti bħat-tneħħija ta' ċerti prodotti sensittivi u inklużi ċerti prodotti agrikoli pprojbiti mir-Russja, u t-tneħħija ta' dazji ad valorem fuq tmien prodotti agrikoli fil-limiti tal-kwoti tariffarji applikabbli.
- (6) Sabiex jiġu evitati l-frodi, l-arranġamenti preferenzjali stabbiliti b'dan ir-Regolament jenħteġ li jkunu kundizzjonali fuq il-konformità tal-Armenja ma': il-kundizzjonijiet rilevanti kollha stabbiliti f'dan ir-Regolament u fil-Ftehim ta' Sħubija; ir-regoli tal-orijini applikabbli għall-prodotti kkonċernati u l-proċeduri relatati magħhom; u l-involviment tal-Armenja f'kooperazzjoni amministrattiva mill-qrib mal-Unjoni, kif previst fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/2446⁷ u fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447⁸.
- (7) L-Armenja għandha tastjeni minn: l-introduzzjoni ta' dazji ġodda jew imposti li jkollhom effett ekwivalenti, jew restrizzjonijiet kwantitattivi ġodda jew miżuri li jkollhom effett ekwivalenti; żieda fil-livelli eżistenti ta' dazji jew imposti; jew l-introduzzjoni ta' kwalunkwe restrizzjoni oħra fuq il-kummerċ mal-Unjoni. Jekk l-Armenja tonqos milli tikkonforma ma' xi waħda minn dawk il-kundizzjonijiet, jenħteġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tissospendi temporanjament l-arranġamenti preferenzjali kollha jew parti minnhom stabbiliti b'dan ir-Regolament.
- (8) L-Artikoli 2 u 9 tal-Ftehim ta' Sħubija jistabbilixxu r-rispett għall-prinċipji demokratiċi, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, u l-għlieda kontra l-proliferazzjoni tal-armi ta' qerda massiva bħala elementi essenzjali ta' dak il-ftehim. Huwa xieraq li tiġi prevista l-possibbiltà li jiġu sospiżi temporanjament l-arranġamenti preferenzjali stabbiliti minn dan ir-Regolament jekk l-Armenja tonqos milli tikkonforma ma' kwalunkwe waħda mid-dispożizzjonijiet identifikati bħala elementi essenzjali fil-Ftehim ta' Sħubija.

⁶ [L-Unjoni Ewropea u l-Armenja jadottaw Aġenda Strateġika ġdida biex japprofondixxu s-sħubija — it-Tkabir u l-Viċinat tal-Lvant.](#)

⁷ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/2446 tat-28 ta' Lulju 2015 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' regoli dettaljati li jikkonċernaw uħud mid-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 343, 29.12.2015, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2015/2446/oj).

⁸ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 tal-24 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 343, 29.12.2015, pp. 558–893).

- (9) Soġġett għal valutazzjoni mill-Kummissjoni mwettqa fil-kuntest tal-monitoraġġ regolari tal-impatt ta' dan ir-Regolament u mnedija jew wara talba debitament sostanzjata minn Stat Membru jew fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni stess, huwa meħtieġ li tiġi prevista l-possibbiltà li tittieħed kwalunkwe miżura meħtieġa għall-importazzjonijiet ta' kwalunkwe prodotti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament li qed jaffettwaw b'mod negattiv is-suq tal-Unjoni jew is-suq ta' Stat Membru wieħed jew aktar għal prodotti simili jew li jikkompetu direttament.
- (10) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tissospendi temporanjament l-arranġamenti preferenzjali msemmija fil-premessa 5 u biex tintroduċi miżuri korrettivi meta l-produtturi tal-Unjoni ta' prodotti simili jew li jikkompetu direttament ikunu, jew jistgħu jkunu, affettwati serjament mill-importazzjonijiet skont dan ir-Regolament. Jenħtieġ li daww is-setgħat ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁹. Huwa meħtieġ li tiġi prevista l-possibbiltà li jiġu introdotti mill-ġdid, soġġett għal investigazzjoni mill-Kummissjoni, id-dazji doganali fuq l-importazzjonijiet ta' kwalunkwe prodott li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament li jikkawża, jew jhedded li jikkawża, diffikultajiet serji lill-produtturi tal-Unjoni ta' prodotti simili jew li jikkompetu direttament.
- (11) Fid-dawl tas-sitwazzjoni urġenti fl-Armenja, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidhrol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* għal perjodu ta' sentejn,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Miżuri ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ

Jiġu introdotti l-arranġamenti preferenzjali li ġejjin:

- (a) il-prodotti li joriġinaw mill-Armenja elenkati fl-Anness I għandhom jiġu ammessi għall-importazzjoni fl-Unjoni eżentati minn dazji tal-importazzjoni ad valorem;
- (b) il-prodotti li joriġinaw mill-Armenja elenkati fl-Anness II għandhom jiġu ammessi għall-importazzjoni fl-Unjoni eżentati minn dazji tal-importazzjoni ad valorem fil-limiti tal-kwoti tariffarji tal-Unjoni kif stabbilit f'dak l-Anness.

Il-kwoti tariffarji msemmija fl-ewwel paragrafu, il-punt (b), għandhom jiġu amministrati mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikoli 49 sa 54 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447.

Artikolu 2

Kundizzjonijiet tad-dritt għall-arranġamenti preferenzjali

L-arranġamenti preferenzjali previsti fl-Artikolu 1 għandhom ikunu soġġetti għall-kundizzjonijiet li ġejjin:

⁹ Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2011/182/oj>).

- (a) il-konformità tal-Armenja mar-regoli tal-orġini previsti fl-Artikoli 59 sa 70 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/2446 u fl-Artikoli 113 sa 126 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447.
Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 119(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447, dikjarazzjoni ta' fattura tista' ssir ukoll minn esportatur Armen irreġistrat fis-sistema tal-Esportatur Irreġistrat (REX) tal-Unjoni f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Artikoli 70, 71, 72, 86, 89 u 91 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447;
- (b) L-impenn tal-Armenja f'kooperazzjoni amministrattiva effettiva mal-Unjoni, inkluż kif meħtieġ għall-verifika tal-evidenza tal-orġini, sabiex jiġi evitat kwalunkwe riskju ta' frodi;
- (c) L-astensjoni tal-Armenja milli tintroduċi dazji ġodda jew imposti li jkollhom effett ekwivalenti jew restrizzjonijiet kwantitattivi ġodda jew miżuri li jkollhom effett ekwivalenti fuq l-importazzjonijiet li joriġinaw mill-Unjoni, milli żżid il-livelli eżistenti ta' dazji jew imposti, u milli tintroduċi kwalunkwe restrizzjoni oħra fuq il-kummerċ mal-Unjoni, inklużi miżuri diskriminatorji amministrattivi interni, sakemm ma jkunx debitament ġustifikat u notifikat lill-Kummissjoni; u
- (d) Ir-rispett tal-Armenja għall-prinċipji demokratiċi, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, u l-għieda kontra l-proliferazzjoni tal-armi ta' qerda massiva, previsti fl-Artikoli 2 u 9 tal-Ftehim ta' Sħubija.

Artikolu 3

Sospensjoni temporanja

1. Meta l-Kummissjoni ssib li jkun hemm biżżejjed evidenza ta' nuqqas ta' konformità tal-Armenja mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2, hija tista', permezz ta' att ta' implimentazzjoni, tissospendi kompletament jew parzjalment l-arranġamenti preferenzjali previsti fl-Artikolu 1. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 5(3).
2. Meta Stat Membru jitlob li l-Kummissjoni tissospendi kwalunkwe wieħed mill-arranġamenti preferenzjali abbażi tan-nuqqas tal-Armenja li tikkonforma mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2, il-punt (c), il-Kummissjoni għandha tipprovi, fi żmien erba' xhur mit-talba, opinjoni motivata dwar jekk l-affermazzjoni li l-Armenja naqset milli tikkonforma hijiex sostanzjata. Jekk il-Kummissjoni tikkonkludi li t-talba hija sostanzjata, hija għandha tibda l-proċedura msemmija fil-paragrafu 1.

Artikolu 4

Miżuri ta' salvagwardja

1. Meta prodott kopert mill-Artikolu 1 li joriġina mill-Armenja jiġi importat taħt kundizzjonijiet li jaffettwaw b'mod negattiv is-suq tal-Unjoni jew is-suq ta' Stat Membru wieħed jew aktar għal prodotti simili jew li jikkompetu direttament, il-Kummissjoni tista' timponi, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, kwalunkwe miżura li tkun meħtieġa. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 5(3).

Dawn il-miżuri jistgħu jiġu imposti sakemm ikun meħtieġ biex jikkontrobattu l-effetti negattivi fuq is-suq tal-Unjoni jew is-suq ta' Stat Membru wieħed jew aktar għal prodotti simili jew li jikkompetu direttament.

2. Il-Kummissjoni għandha twettaq valutazzjoni tas-sitwazzjoni tas-suq tal-Unjoni jew tas-suq ta' Stat Membru wieħed jew aktar għal prodotti simili jew f'kompetizzjoni diretta bil-ħsieb li timponi miżuri skont il-paragrafu 1. Dik il-valutazzjoni għandha tinbeda:

- (a) wara talba sostanzjata kif xieraq minn Stat Membru li tinkludi biżżejjed evidenza prima facie disponibbli b'mod raġonevoli għal dak l-Istat Membru skont il-paragrafu 3 ta' importazzjonijiet li jaffettwaw b'mod negattiv lis-suq imsemmi fil-paragrafu 1; jew
- (b) fuq l-inizjattiva tagħha stess, wara li jkun ħareġ biċ-ċar għall-Kummissjoni li hemm biżżejjed evidenza prima facie ta' importazzjonijiet li jaffettwaw b'mod negattiv lis-suq kif imsemmi fil-paragrafu 1.

Il-valutazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu għandha tiġi konkluża fi żmien erba' xhur mit-tnedija tagħha.

3. Fit-twettiq tal-valutazzjoni skont il-paragrafu 2, il-Kummissjoni għandha tqis l-iżviluppi rilevanti kollha tas-suq, inkluż l-impatt tal-importazzjonijiet ikkonċernati fuq is-sitwazzjoni tas-suq tal-Unjoni jew tas-suq ta' Stat Membru wieħed jew aktar għal prodotti simili jew li jikkompetu direttament. Dik il-valutazzjoni għandha tinkludi l-fatturi li ġejjin:

- (a) ir-rata u l-ammont taż-żieda fl-importazzjonijiet mill-Armenja tal-prodott ikkonċernat f'termini assoluti u relattivi;
- (b) l-effett tal-importazzjonijiet ikkonċernati fuq il-produzzjoni u l-prezzijiet fis-suq tal-Unjoni jew fis-suq ta' Stat Membru wieħed jew aktar, filwaqt li jitqies l-iżvilupp tal-importazzjonijiet minn sorsi oħra.

Il-lista ta' fatturi msemmija fl-ewwel subparagrafu mhix eżawrjenti u fatturi rilevanti oħra jistgħu wkoll jiġu kkunsidrati.

4. F'ċirkostanzi kritiċi fejn id-dewmien jikkawża dannu lis-suq rilevanti li jkun diffiċli li jissewwa, il-Kummissjoni tista' timponi b'mod proviżorju, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, kwalunkwe miżura li tkun meħtieġa. Tali miżura ta' salvagwardja tista' tiġi imposta biss wara talba debitament sostanzjata minn Stat Membru skont il-paragrafu 2, l-ewwel subparagrafu, il-punt (a), u għandha tiġi adottata fi żmien 21 jum mill-wasla ta' dik it-talba. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat skont il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 5(4). It-tul ta' żmien ta' miżura ta' salvagwardja proviżorja ma għandux jaqbeż il-120 jum.

5. Meta, bħala riżultat tal-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 2, il-Kummissjoni tqis li s-suq tal-Unjoni jew is-suq ta' Stat Membru wieħed jew aktar għal prodotti simili jew li jikkompetu direttament ikun ġie affettwat b'mod negattiv u jkollha l-ħsieb li timponi miżura definittiva skont il-paragrafu 1, hija għandha tippubblika avviż f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* li jħabbar l-intenzjoni tagħha li timponi tali miżura. Dak l-avviż għandu jipprovdi sommarju tar-riżultati ewlenin tal-valutazzjoni u jispeċifika l-perjodu li fih il-partijiet interessati jistgħu jissottomettu l-fehmiet tagħhom bil-miktub. Dak il-perjodu ma għandux jeċċedi għaxart ijiem mid-data tal-pubblikazzjoni tal-avviż.

Artikolu 5

Proċedura ta' kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat tal-Kodiċi Doganali stabbilit bl-Artikolu 285(1) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁰ fir-rigward tal-Artikolu 3(1) ta' dan ir-Regolament. Dak il-Kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
2. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat dwar is-Salvagwardji fir-rigward tal-Artikolu 4(1) ta' dan ir-Regolament. Dak il-Kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
4. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Artikolu 6

Valutazzjoni tal-implimentazzjoni tal-miżuri ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ

Il-partijiet se jirrapportaw dwar l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ stabbiliti b'dan ir-Regolament fil-Kumitat ta' Sħubija fil-konfigurazzjoni tal-kummerċ stabbilit skont il-Ftehim ta' Sħubija.

Artikolu 7

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu japplika għal sentejn mid-dħul fis-seħħ tiegħu.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

¹⁰ Ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (riformulazzjoni) (ĠU L 269, pp. 1–101, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2013/952/oj>).

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA “DĦUL” - GĦAL PROPOSTI LI GĦANDHOM IMPATT BAĠITARJU FUQ IN-NAĦA TAD-DĦUL TAL-BAĠIT

1. ISEM IL-PROPOSTA:

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar miżuri temporanji ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ applikabbli għall-prodotti Armeni

2. LINJI TAL-BAĠIT

Linja tad-dħul (Kapitolu/Artikolu/Partita): Il-Kapitolu 12, l-Artikolu 120

Ammont ibbaġitjat għas-sena kkonċernata: (2026) EUR 21 368 300 000

3. IMPATT FINANZJARJU

☐ Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni finanzjarja

☒ Il-proposta ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq in-nefqa iżda għandha impatt finanzjarju fuq id-dħul

☐ Il-proposta għandha impatt finanzjarju fuq id-dħul assenjat

L-effett huwa kif ġej:

(miljuni ta' EUR sa pożizzjoni deċimali waħda)

Linja tad-dħul	Impatt fuq id-dħul ¹¹¹²	Perjodu ta' 24-il xahar li jibda mill-1.1.2027 (<i>jekk applikabbli</i>)
Il-Kapitolu 12, l-Artikolu 120	Impatt fuq ir-riżorsi proprji	-5.4

Sitwazzjoni wara l-azzjoni					
Linja tad-dħul	2027	2028	2029	2030	2031
Il-Kapitolu 12, l-Artikolu 120	-2.475	-2.97	-	-	-

4. MIŻURI KONTRA L-FRODI

Sabiex jiġu evitati l-frodi, l-intitolament għall-miżuri kummerċjali stabbiliti mir-regolament propost jenħtieġ li jkun kundizzjonali fuq il-konformità tal-Armenja mal-kundizzjonijiet rilevanti kollha biex jinkisbu benefiċċji skont ir-regolament, inklużi r-regoli tal-orijini applikabbli għall-prodotti kkonċernati u l-proċeduri relatati magħhom, kif ukoll fuq l-involvement tal-Armenja f'kooperazzjoni amministrattiva mill-qrib mal-Unjoni.

¹¹ L-ammonti għal kull sena jeħtieġ li jkunu stima bbażata fuq il-formula jew il-metodu definit fit-Taqsima 5. Għas-sena tal-bidu, l-ammont annwali normalment jitħallas mingħajr tnaqqis jew prorata.

¹² Għar-riżorsi proprji tradizzjonali (id-dazji doganali, l-imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara t-tnaqqis ta' 25 % għall-kostijiet tal-ġbir sal-2027 inklużi, u ta' 10 % wara, kif propost f'COM (2025) 574.

5. RIMARKI OĦRA

Il-kalkoli huma bbażati fuq il-volumi ta' importazzjoni tal-2025 tal-prodotti koperti mir-regolament propost. L-2025 kienet l-aħħar sena qabel ma ġew introdotti miżuri kummerċjali awtonomi.

Abbażi tal-kalkoli ta' hawn fuq, it-telf tad-dħul mir-riżorsi proprji tradizzjonali li jirriżulta mir-regolament propost huwa stmat għal EUR 3.3 miljun (ammont gross, inklużi l-kostijiet tal-ġbir) $\times 0.75 =$ EUR 2.475 miljun għall-2027, u EUR 3.3 miljun (ammont gross, inklużi l-kostijiet tal-ġbir) $\times 0.9 =$ EUR 2.97 miljun għall-2028. It-total nett għall-perjodu ta' sentejn kopert mill-miżura jammonta għal EUR 5.44 miljun¹³.

¹³ L-impatt fuq id-dħul fl-2026 huwa injorat minħabba d-daqs limitat tiegħu.